



Brussell, 27 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)

10502/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0030(COD)**

CODEC 962	SAN 401
COVID-19 125	TRANS 424
JAI 926	COCON 43
POLGEN 90	COMIX 336
FRONT 261	SCHENGEN 71
FREMP 137	AVIATION 129
IPCR 76	PHARM 115
VISA 109	RELEX 854
MI 497	TOUR 46

NOTA PUNT "A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** li jemenda r-Regolament (UE) 2021/954 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorji tal-Istati Membri waqt il-pandemija tal-COVID-19 (**l-ewwel qari**)
- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fit-3 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 77(2)(c) TFUE.
2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ħarġu opinjoni konġunta fl-14 ta' Marzu 2022.

¹ 5943/22.

3. Fil-15 ta' Ġunju 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-ftehim li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew u awtorizza lill-Presidenza biex tibgħat ittra lill-President tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) li tistqarr li, jekk il-Parlament Ewropew jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-forma ppreżentata f'dik l-ittra, soġġett għal revizzjoni mill-ġuristi lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew u l-att jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-23 ta' Ġunju 2022².
5. Fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel li jstieden lill-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari kif tinsab fid-dokument PE- CONS 26/22 bħala punt "A" flaqgħa li jmiss.
6. Il-Kunsill huwa mistieden japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 26/22.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għal din il-pożizzjoni.

Wara l-firma mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

² 10500/22.